22003D0138

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 138/2003

tas-7 ta' Novembru 2003

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/42/KE tal-10 ta' Jannar 2003 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/118/KEE rigward il-ħtiġiet tal-kollaġen ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/44/KE tas-17 ta' Jannar 2003 li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE li tirreġistra l-konformità ta' ċerti Stati Membri jew ta' reġjuni mal-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-bruċellosi (il-*B. melitensis*) u skond dawn l-istatus ta' Stat Membru jew ta' reġjun uffiċjalment ħielsa mill-marda ([3]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/60/KE ta' l-24 ta' Jannar 2003 li temenda d-Deċiżjoni 2000/256.KE li tinnomina istitut speċifiku responsabbli li jistabbilixxi ċerti kriterji meħtieġa sabiex jiġu standardizzati ċerti testijiet seroloġiċi għalbiex jimmonitorjaw l-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabbja, rigward l-approvazzjoni tal-laboratorji fil-pajjiżi terzi ([4]), trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/130/KE tas-26 ta' Frar 2003 li temenda d-Deċiżjoni 2001/618/KE sabiex tinkludi t-territorju kollu tal-Ġermanja fil-lista ta' l-Istati Membri u tar-reġjuni ħielsa mill-marda ta' *Aujeszky* u ċerti dipartimenti Franċiżi fil-listi ta' l-Istati Membri u tar-reġjuni ħielsa minn din il-marda u r-reġjuni fejn qegħin f'posthom il-programmi approvati ta' l-eradikazzjoni ([5]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/164/KE tal-10 ta' Marzu 2003 li temenda d-Deċiżjoni 1999/466/KE li tistabbilixxi l-istatus tal-merħliet ta' l-ifrat ta' ċerti Stati Membri jew regjuni fi Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi ([6]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/177/KE tat-12 ta' Marzu 2003 li temenda d-Deċiżjoni 1999/465/KE li tistabbilixxi l-istatus tal-merħliet ta' l-ifrat ta' ċerti Stati Membri jew reħjuni fi Stati Membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina ([7]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 8.
([2]) ĠU L 13, tat-18.1.2003, p. 24.
([3]) ĠU L 13, tat-18.1.2003, p. 37.
([4]) ĠU L 23, tat-28.1.2003, p. 30.
([5]) ĠU L 52, tas-27.2.2003, p. 9.
([6]) ĠU L 66, tal-11.3.2003, p. 49.
([7]) ĠU L 70, ta' l-14.3.2003, p. 50.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/237/KE tat-3 ta' April 2003 li temenda f-Deċiżjoni 93/52/KEE rigward il-għarfien ta' ċerti provinċji Taljani bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi ([1]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Din id-Deċiżjoni ma tridx tapplika għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitoli I ta' l-Anness I mal-Ftehim huwa emendat kif speċifikat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2003/42/KE, 2003/44/KE, 2003/60/KE, 2003/130/KE 2003/164/KE, 2003/177/KE u 2003/237/KE fl-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt għaż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

([1]) ĠU L 87, ta' l-4.4.2003, p. 13.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.

L-ANNESS

MAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 138/2003

Il-Kapiolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt:

1. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 14 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/52/KEE) fil-parti 4.2:

   "– **32003 D 0044**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/44/KE tas-17 ta' Jannar 2003 (ĠU L 13, tat-18.1.2003, p. 37),

   – **32003 D 0237**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/237/KE tat-3 ta' April 2003 (ĠU L 87, ta' l-4..2003, p. 13).";

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 46 (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/466/KE) fil-parti 4.2:

   "– **32003 D 0164**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/164/KE tal-10 ta' Marzu 2003 (ĠU L 66, tal-11.3.2003, p. 49)."

3. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 54 (id-Direttiva tal-Kunsill 2000/258/KE) fil-parti 4.2:

   "kif emendata bi:

   – **32003 D 0060**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/60/KE ta' l-24 ta' Jannar 2003 (ĠU L 23, tat-28.1.2003, p. 30).";

4. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 60 (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/465/KE) fil-parti 4.2:

   "– **32003 D 0177**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/177/KE tat-12 ta' Marzur 2003 (ĠU L 70, ta' l-14.3.2003, p. 50)."

5. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 64 (id-Direttiva tal-Kunsill 2001/618/KE) fil-parti 4.2:

   "– **32003 D 0130**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/130/KE tas-26 ta' Frar 2003 (ĠU L 52, tas-27.2.2003, p. 9)."

6. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE) fil-parti 8.1:

   "– **32003 D 0042**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/42/KE tal-10 ta' Jannar 2003 (ĠU L 13, tat-18.1.2003, p. 24)."